**MALTA**

**Fit-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva**
**Magistrat**
**Dr. Gabriella Vella B.A., LL.D.**

**Rikors Nru. 241/12VG**

**XXX**

**Vs**

**Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud**

**Illum 5 ta' Dicembru 2017**

**It-Tribunal,**

Ra r-Rikors ipprezentat minn XXX quddiem il-Bord ta' l-Appell dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud fit-13 ta' Lulju 2011, in segwitu trasferit quddiem dan it-Tribunal, permezz ta' liema jitlob li l-istimi mahruga fil-konfront tieghu mill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud ghall-perijodi ta' taxxa 01.01.08-31.03.08 u 01.04.08-31.03.09 jigu kkancellati *in toto*, inkluz ghalhekk il-multi amministrattivi w imghax, stante li huma invalidi fil-fatt u fid-dritt;

Ra l-istimi mahruga mill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud fil-konfront tar-Rikorrent ghall-perijodi ta' taxxa 01.01.08-31.03.08 u 01.04.08-31.03.09;

Ra r-Risposta tal-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud permezz ta' liema jopponi ghall-appell tar-Rikorrent mill-istimi mahruga fil-konfront tieghu ghall-perijodi ta' taxxa 01.01.08-31.03.08 u 01.04.08-31.03.09 u jitlob li l-istess jigi michud, bl-ispejjez kontra r-Rikorrent, stante li l-likwidazzjonijiet ghaz-zminijiet ta' taxxa in kwistjoni huma gusti u jisthoqqilhom konferma;

Ra d-dokumenti annessi mar-Risposta tal-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud ossia, l-Audit Trail Report datat 26 ta' Jannar 2011 u r-Review Report datat 17 ta' Mejju 2011;

Sema' x-xhieda ta' Joseph Sammut moghtija waqt is-seduta tat-8 ta' April 2013[1] u ra d-dokumenti esebiti minnu markati Dok. "JS" a fol. 16 sa' 30 tal-porcess, sema' x-xhieda ta' Angela Muscat, in rapprezentanza tad-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud), moghtija waqt is-seduti tal-11 ta' Gunju 2013[2], tat-28 ta' Ottubru 2013[3] u ta' l-14 ta' Marzu 2014[4], ix-xhieda ta' Shirley Ciantar, in rapprezentanza tad-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud), moghtija waqt is-seduti tat-28 ta' Ottubru 2013[5] u ta' l-14 ta' Marzu 2014[6] u x-xhieda ta' Chris Spiteri, in rapprezentanza tad-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud) moghtija waqt is-seduti tat-28 ta' Ottubru 2013[7] u ta' l-14 ta' Marzu 2014[8];

Ra d-Digriet moghti fl-14 ta' April 2014 permezz ta' liema giet michuda t-talba avvanzata mir-Rikorrent waqt is-seduta ta' l-14 ta' Marzu 2014 sabiex jigi awtorizzat jerga' jiftah il-provi tieghu u senjatament sabiex jesebixxi numru ta' dokumenti stante li: (a) wara x-xhieda moghtija minn Angela Muscat waqt is-seduta tat-28 ta' Ottubru 2013 inbidlet id-dinamika tal-kaz tieghu; (ii) id-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud) ma ressaq ebda oggezzjoni ghas-sottomissjoni ta' dokumenti a tenur ta' l-Artikolu 48(5) tal-Kap.406 tal-Ligijiet ta' Malta; u stante li (iii) il-veracità tal-*letter of correction* mibghuta minnu issa saret punt kricjali fil-kaz in ezami;

Ra n-Nota ta' Sottomissjonijiet tar-Rikorrent a fol. 70 sa' 73 tal-process u ra n-Nota Responsiva tal-Kummissarju tat-Taxxi a fol. 74 sa' 82 tal-process;

Ra l-atti kollha tal-kawza;

**Ikkonsidra:**

Bil-proceduri odjerni r-Rikorrent jikkontesta stimi mahruga fil-konfront tieghu mill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud ghall-perijodi ta' taxxa 01.01.08-31.03.08 u 01.04.08-31.03.09 permezz ta' liema qed jigi mitlub ihallas is-somma komplessiva ta' €14,733.16 bhala taxxa, flimkien mas-somma komplessiva ta' €2,948.53 bhala multi amministrattivi u s-somma ulterjuri komplessiva ta' €2,854.60 bhala imghax; b'kollox ammontanti ghal **€20,536.29**. Huwa jitlob li l-imsemmija stimi jigu kkancellati *in toto*, inkluz ghalhekk il-multi amministrattivi w imghax, stante li l-istess huma invalidi fil-fatt u fid-dritt.

[1] Fol. 31 u 32 tal-process.
[2] Fol. 34 sa' 36 tal-process.
[3] Fol. 40 u 42 tal-process.
[4] Fol. 53 sa' 60 tal-process.
[5] Fol. 38 u 39 tal-process.
[6] Fol. 51 u 52 tal-process.
[7] Fol. 43 sa' 45 tal-process.
[8] Fol. 61 sa' 63 tal-process.

Il-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, illum Kummissarju tat-Taxxi, jopponi ghall-appell tar-Rikorrent mill-istimi mahruga fil-konfront tieghu ghall-perijodi ta' taxxa 01.01.08-31.03.08 u 01.04.08-31.03.09 u jitlob li l-istess jigi michud stante li l-likwidazzjonijiet ta' taxxa maghmula ghall-perijodi ta' taxxa in kwistjoni huma gusti u jisthoqqilhom konferma.

Mill-provi prodotti tul is-smigh ta' dawn il-proceduri jirrizulta li d-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud kien esegwixxa Audit Trail fil-konfront tar-Rikorrent in bazi ghal xi ricevuti li gew mghoddija lid-Dipartiment ghall-verifika[9]. Skond ir-Rapport ta' Angela Muscat, ir-rapprezentant tad-Dipartiment li esegwiet dan l-Audit Trail fil-konfront tar-Rikorrent, datat 26 ta' Jannar 2011, ir-rakkomandazzjoni wara tali verifika kienet *to raise Provisional Assessments for both tax periods: 01/04/08 to 31/02/09 in box 18 Eur 71620.97 and Box 23 Eur 12891.79 and in tax period 01/01/08 to 31/03/08 – Eur 10229.87 in box 18 and Eur 1841.37 in box 23. No input claimed to be entered as no invoices were produced for checking*. Il-bazi ta' tali konkluzzjoni kienet illi: *Documents requested - Sales Ledgers for tax periods 01/01/08 to 31/03/08 and 01/04/08 to 31/03/09. Only manual receipts for these tax periods were produced, which receipts I entered in ledger. Also, Purchases Ledgers for some periods were produced. Findings: Tax receipts 000059, 00054, 000058 were accounted for in these Sales Ledgers but not in his relative Vat Returns. To be noted: Purchases Ledgers were also checked and all invoices were requested for checking but were never produced*[10]. A bazi ta' tali rakkomandazzjoni nhargu l-istimi provizorji relattivi fil-konfront tar-Rikorrent. L-istess Rikorrent talab *Review* ta' tali stimi izda fir-Rapport tieghu datat 17 ta' Mejju 2011, ir-Review Officer Chris Spiteri kkonstata u kkonkluda li *two letters have been sent to Mr. XXX reds 23 and 25. Letter at red 23 has been returned back. Letter at red 25 was delivered on the 25th April 2011 confirmed with AR card. To date no reply from tax payer was received at my end. In view of the above, and the ample time given, it is being recommended that the provisional assessments will be confirmed*[11]. In segwitu ghal dan ir-Rapport inhargu l-istimi finali, liema stimi jiffurmaw il-mertu tal-proceduri odjerni.

Joseph Sammut, ir-rapprezentant tar-Rikorrent, xehed illi wara li kellmu r-Rikorrent dwar l-verifika da parte tad-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, *fil-25 ta' Ottubru, wara li ghamilt l-ezercizzju kollu u kellimt ukoll lil min kien qed jibghat ghalih u infurmajtha telefonikament, jigifieri li kont qed naghmel l-accertazzjonijiet kollha u qed nerga' nahdem kollox mill-gdid, issottomettejt fil-25 ta' Ottubru corrections ghal 4 VAT periods … plus il-ledgers … ta' l-4 perijodi u qabel naturalment ma hargu l-provisional assessments jew dan. Li gara kien illi wara t-talba ghall-correction li*

[9] Xhieda moghtija minn Angela Muscat waqt is-seduta tal-11 ta' Gunju 2013, fol. 34 sa' 36 tal-porcess u waqt is-seduta ta' l-14 ta' Marzu 2014, fol. 53 sa' 60 tal-process.
[10] Anness mar-Risposta tal-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud.
[11] Anness mar-Risposta tal-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud.

*ghamilt u li skond il-ligi t-taxpayer kellu d-dritt jaghmilha, id-dipartiment hareg assessments illi kienu jirriflettu s-sales biss, però ma kienux jirriflettu il-corrections fil-purchases u allura gie zvantaggjat ghaliex il-correction ma gietx fedelment riprodotta fl-assessments. … sadanittant wara li issottomettejt dawn kollha jigifieri hadd ma talabni l-acutal fatturi li hemm imnizzla fil-listings. Issa dawn il-listings ma vvintajthomx jigifieri ghandi l-fatturi zgur. Normalment kif inhi l-prassi però jistghu jitolbuk kollox, jitolbuk il-kbar jew jaqbdu random jew hekk biex jaraw li hu effettivament dak huwa tajjeb, però, jien sa fejn naf jien, hadd ma baghat ghat-taxpayer biex jiccekkjalu wahda wahda jew sampling ta' dawn l-invoices tal-purchases u hareg il-provisional assessment. X'hin hareg il-provisional assessment, wara dik skatta l-famuz artikolu tal-48 u meta jiena ghidtilhom isma' dan ghandu id-dokumentazzjoni kollha, qaluli issa troppo tardi ma jistax jipprezentaha din u gejna f'din il-posizzjoni illi allura t-taxpayer ghamel correction qabel ma hargu l-provisionals, ma gietx riprodotta fedelment ghaliex ittiehdu s-sales u ttiehdux il-purchases, hadd – sa' fejn naf u niftakar kien ghax iccekkjat sewwa l-file – ma talabni jew talbu l-actual fatturi b'sampling jew kollha u wara li hareg il-provisional imbaghad skatta l-artikolu 48 hawn[12].*

L-ittra li jaghmel referenza ghaliha hija l-ittra datata 25 ta' Ottubru 2010[13] minn liema tirrizulta talba ghal korrezzjoni fil-perijodi ta' taxxa *inter alia* 01.01.08-31.03.08 u 01.04.08-31.03.09 fejn: (i) ghall-perijodu ta' taxxa 01.01.08-31.03.08 – Bejgh Dikjarat ta' €5,376.17 u VAT Dikjarata ta' €967.71 gew korretti ghal Bejgh Korrett ta' €15,606.45 u VAT Korrett ta' €2,809.16 u Spejjez Dikjarati ta' €2,769.72 u VAT Dikjarata ta' €498.55 essenzjalment baqghu l-istess fil-korrezzjoni; u (ii) ghall-perijodu ta' taxxa 01.04.08-31.03.09 – Bejgh Dikjarat Nil u VAT Dikjarata Nill gew korretti ghal Bejgh Korrett ta' €71,611.41 u VAT Korretta ta' €12,890.05 u Spejjez Dikjarati Nil u VAT Dikjarata Nil gew korretti ghal Spejjez Korretti ta' €11,6587.36 u VAT Korretta ta' €20,985.72 u l-Purchases Ledgers li jaghmel referenza ghalihom huma dawk esebiti a fol. 19 sa' 30 tal-process.

A bazi ta' tali ittra r-Rikorrent jissottometti li *minn imkien ma jirrizulta u s-sottofirmat ma hu ghal konoxxenza illi wara li gew sottomessi l-VAT Recepit Book, il-Listings u l-Ittra ta' Korrezzjoni, ir-Rikorrent/Appellant gie rikjest illi jipproduci invoices partikolari, is-sottofirmat, f'dik l-istanza allura, ikkunsidra li l-Ittra ta' Korrezzjoni kienet qed tkun processata u l-konsekwenzjali denunzji/stimi korretti johorgu aktar tard. L-istejjem impunjati huma mera (Bejgh) ta' l-Ittra ta' Korrezzjoni/VAT Receipt Book u allura johrog by default illi l-Appellat Direttur Generali, minkejja li kien ghal konoxxenza ta' l-import ta' l-Ittra ta' Korrezzjoni, ipproceda billi ghazel li jikkoregi biss il-Bejgh imma mhux l-Ispejjez. Ir-Rikorrent/Appellant ghaldaqstant, bir-rispett, qieghed isostni illi l-istejjem impunjati hargu bi vjolazzjoni ta' l-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud (Kap.406) u*

[12] Xhieda moghtija waqt is-seduta tat-8 ta' April 2013, fol. 31 u 32 tal-process.
[13] Dok. "JS" a fol. 16 tal-process.

*senjatament Artikolu 28(1) u 37(2) u dan ghaliex ir-Rikorrent/Appellant ikkorega d-denunzji tieghu qabel hargu l-istejjem provizorji*[14].

Fir-rigward ta' tali ittra però l-Kummissarju tat-Taxxi rraviza anomaliji serji fis-sens illi din l-ittra ghad illi tinsab fil-file tad-Dipartiment relattiv ghar-Rikorrent, hija *loose*, mhux ittimbrata da parte tar-Registry tad-Dipartiment u lanqas hija innumerata. Shirley Ciantar, Senior Clerk mad-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud fis-sezzjoni ta' l-Appelli, iddikjarat li qabel is-seduta tal-11 ta' Gunju 2013 hija kienet daret il-file tad-Dipartiment relattiv ghar-Rikorrent izda l-ittra ta' korrezzjoni datata 25 ta' Ottubru 2010 ma kenitx hemm, kien biss meta regghet daret il-file wara s-seduta tal-11 ta' Gunju 2013 u qabel is-seduta tat-28 ta' Ottubru 2013 li sabet din l-ittra *loose* fil-file[15]. Angela Muscat u Chris Spiteri, iz-zewg ufficjali tad-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud involuti f'dan il-kaz, entrambe ddikjaraw li meta huma kienu qed jaraw il-file ghall-finijiet ta' l-inkarigi rispettivi taghhom – Audit Trail Angela Muscat u Review Chris Spiteri – ebda wiehed minnhom ma ra u b'hekk ikkonsidra l-ittra in kwistjoni. Fir-rigward Angela Muscat xehdet illi ladarba l-ittra in kwistjoni ma fihix timbru tar-Registry tad-Dipartiment, ma hijiex debitament imqieghda u nnumerata fil-file ghaliha jfisser li *din ma kienetx ghandna, ma rajthiex jiena, ghax kieku jien zgur li tqabbatha, dahhaltha fil-file, irredjajtha imbaghad nibaghtuha r-Registry u jimxi ghax minghandi jmur ghand is-Supervisor tieghi, tela' ghar-review u ghadda ghand hafna nies*. Mistoqsija *meta hdimt il-file, kienet hemm dik l-ittra?* Angela Muscat wiegbet *Le ma kienitx hemm ghax kieku, ha nerga' nirrepeti, imma kieku imtaqbda, irredjajtha u mdahhla, hemm minuta wkoll, ghax dik hi l-prattika*[16]. Chris Spiteri ukoll iddikjara li meta l-file ghadda ghandu waqt l-istadju tar-Review, l-ittra datata 25 ta' Ottubru 2010 ma kenitx fil-file tad-Dipartiment. Mistoqsi *u li kieku kienet hemm, int bhala review officer jekk tara ittra loose b'dak il-mod, x'taghmel u x'suppost taghmel fix-xoghol tieghek?* Chris Spiteri wiegeb *trid tiddahhal fil-file u tigi rredjata u registrata bin-numru accordingly*. Mistoqsi ulterjorment *issa f'dan il-kaz li hija letter of correction, li kieku int rajtha dahhaltha fil-file u baghatha r-registry biex jibghatulu acknowledgement, kont ser tikkomunika mal-persuna li hadmitu li f'dan il-kaz hija Ms. Muscat biex tghidilha isma' int hadtha into consideration din il-correction letter?* Spiteri rrisponda *hekk hu u kienet tintbaghat ghad l-ufficjal li jiehu hsieb*. U mistoqsi *le li ridt nistaqsik jien hu, jekk dik l-ittra li kieku sibtha fil-file hekk tigri kif inhi hekk, fix-xoghol tieghek x'kont taghmel?* u *jigifieri int tivverifika jekk ittehditx action fuq dik il-correction jew le?* Spiteri rrisponda ghall-ewwel mistoqsija *naturalment kienet tidhol fil-file u l-file jintbaghat biex tara jekk haditx action fuqha* u ghat-tieni domanda *naturalment*[17].

---

[14] Nota ta' Sottomissjonijiet tar-Rikorrent, fol. 72 u 73 tal-process.
[15] Xhieda moghtija waqt is-seduta tat-28 ta' Ottubru 2013, fol. 38 u 39 tal-process.
[16] Xhieda moghtija waqt is-seduta tat-28 ta' Ottubru 2013, fol. 40 sa' 42 tal-process.
[17] Xhieda moghtija waqt is-seduta tat-28 ta' Ottubru 2013, a fol. 43 sa' 45 tal-process.

In bazi ghal dawn il-konsiderazzjonijiet il-Kummissarju tat-Taxxi jissottometti li *jidher car li l-famuza ittra misterjuza sabet ruhha fil-file dipartimentali b'mod klandestin u ghaldaqstant ma ghandha l-ebda valur probatorju. La kienet segwita minn minuta, la giet irredjhata, la kellha timbru, la kienet imtaqqba, u di più kienet iddatata l-25 ta' Ottubru 2010, strategikament qabel ma gie intavolat l-appell. Illi interessanti l-fatt illi l-ittra korrettorja misterjuza kienet f'kundizzjoni perfetta minghajr lanqas sinjal ta' wear and tear, haga normalissima li ssehh f'files li jigru minn bosta idejn. Illi cjonostante, dan jibqa' l-fatt inneggabbli illi l-ittra korrettorja ma kinitx ghand Angela Muscat u lanqas ghand Chris Spiteri meta dan laqa' t-talba ta' l-appellant ghar-review. ... Illi mis-suespost jidher car illi din il-famuza correction letter qatt ma kienet a konoxxenza tad-Dipartiment kemm fil-fazi ta' l-investigazzjoni kif ukoll f'dik tar-review. In oltre l-appellant fl-appell tieghu ma ndikax b'mod car fejn ma kienx qieghed jaqbel; anzi kien generiku u vag. Semma li kellu dritt ghall-input vat meta qatt ma ressaq invoice wahda waqt l-investigazzjoni jew imqar dokument wiehed biss waqt l-istadju tar-review. Gab biss ledger u lanqas ma gab invoices quddiem it-Tribunal. ... Illi l-agir ta' l-appellant mis-suespost jirrizulta illi mhux kredibbli u ghaldaqstant l-esponenti jirribadixxi illi l-input vat illi l-appellant jippretendi li ghandu jinghata mill-esponent ghandu jigi michud u dan peress illi fl-istadji kollha ta' l-iter tal-kaz tieghu l-appellant ma gab assolutament xejn sabiex jissosstanzja it-tezi tieghu. Huwa l-veru kaz illi fil-kaz in ezami tapplika ghall-appellant il-massima legali ta' imputet sibi!*[18]

Nonostante l-enfasi li l-partijiet kontendenti ghamlu fir-rigward ta' l-ittra datata 25 ta' Ottubru 2010 u fuq jekk tali ittra effettivament gietx konsenjata fid-data imsemmija jew inkella fil-mori ta' l-appell, it-Tribunal iqis li fid-dawl tal-fatti kif jirrizultaw mill-provi prodotti u mill-atti processwali, tali ittra ftit li xejn ghandha piz fir-rigward ta' l-istimi kif mahruga fil-konfront tar-Rikorrent.

Jibda biex jigi osservat li ghalkemm ir-Rikorrent jippretendi li ghaliex tigi sottomessa ittra ta' korrezzjoni qabel il-hrug ta' l-istimi provizorji allura dik l-ittra twaqqaf il-process ta' l-investigazzjoni jew verifika li jkun qed isir, skond il-kaz, u l-kontenut taghha ghandu jittiehed *verbatim* minghajr verifiki ulterjuri da parte tal-Kummissarju, tali pretensjoni ma ssibx sostenn fil-Ligi.

L-Artikolu 28(1) tal-Kap.406 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi li *bla hsara ghas-subartikolu (2)* - li jittratta dwar korrezzjoni ta' denunzja ta' taxxa maghmula fid-dikjarazzjoni tat-taxxa tal-perijodu ta' taxxa ta' wara – *persuna registrata taht l-artikolu 10 li tkun ghamlet dikjarazzjoni mhux korretta f'denunzja mibghuta lill-Kummissarju ghal zmien ta' taxxa, tista' tikkoregi d-dikjarazzjoni billi tibghat dik il-formola hekk kif il-Ministru jista' b'regolamenti jippreskrivi. Id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 27(4) dwar*

[18] Nota Responsiva tal-Kummissarju tat-Taxxi, fol. 81 tal-process.

*denunzji tat-taxxa ghandhom jghoddu mutatis mutandis ghat-twassil ta' l-imsemmija formola.* Mit-tieni proviso ta' l-Artikolu 32(1) tal-Kap.406 tal-Ligijiet ta' Malta jirrizulta li f'kaz li ssir tali korrezzjoni, it-terminu statutorju ta' sitt snin entro liema l-Kummissarju tat-Taxxi jista' johrog stima fil-konfront tat-*taxpayer* ghal perijodu jew perijodi ta' taxxa partikolari jibda jiddekorri mid-data ta' tali korrezzjoni. Minn dan il-provvediment tal-Ligi ghalhekk – senjatament it-tieni proviso ta' l-Artikolu 32(1) tal-Kap.406 tal-Ligijiet ta' Malta – jirrizulta li l-Kummissarju tat-Taxxi ma huwiex obbligat li jaccetta *verbatim* il-kontenut ta' korrezzjoni sottomessa mit-*taxpayer* izda ghandu s-setgha u l-awtorità li jikkonsidra u janalizza l-kontenut ta' tali korrezzjoni u dak biha effettivament mitlub. La l-Kummissarju tat-Taxxi ma huwiex obbligat li jaccetta *verbatim* il-kontenut ta' korrezzjoni sottomessa mit-*taxpayer*, naturalment jirrizulta li meta tali korrezzjoni tigi sottomessa waqt l-investigazzjoni jew verifika fil-konfront tat-*taxpayer* – anke jekk tali korrezzjoni issir wara li t-*taxpayer* jigi infurmat bl-investigazzjoni jew verifika li ser issir fil-konfront tieghu u izda tali investigazzjoni jew verifika tkun ghadha ma bdietx fil-prattika - il-Kummissarju ma huwiex obbligat jwaqqaf jew jissosspendi tali investigazzjoni jew verifika. Anzi, fil-fehma tat-Tribunal korrezzjoni sottomessa f'tali ambitu ghandha tigi ivverifikata w kkontrollata entro dak l-istess ambitu u mhux in segwitu ghall-konkluzzjoni ta' l-investigazzjoni jew verifika li tkun qed issir.

Mill-mod kif ir-Rikorrent imposta l-appell tieghu u dana anke tramite x-xhieda ta' Joseph Sammut, jirrizulta li huwa mhux qed jikkontesta l-Bejgh kif determinat mill-Kummissarju tat-Taxxi u b'hekk l-Out Put Tax minnu likwidata ghall-perijodi ta' taxxa 01.01.08-31.03.08 u 01.04.08-31.03.09, u apparte l-fatt li fi kwalunkwe kaz ma ressaq l-ebda prova li turi li tali Bejgh u konsegwenti Out Put Tax kif determinati ma humiex korretti, gusti u ragonevoli. Il-kontestazzjoni tar-Rikorrent hija invece impostata fuq il-fatt li l-Kummissarju ma rrikonoxxiex x-xiri minnu allegatament inkors u konsegwentement ma kkonceda l-ebda kreditu ghal Input Tax a favur tieghu.

Irrispettivament mill-fatt jekk l-ittra datata 25 ta' Ottubru 2010 gietx sottomessa fil-fazi tal-verifika jew inkella f'fazi inoltrata tal-kwistjoni pendenti bejn ir-Rikorrent u l-Kummissarju tat-Taxxi, mill-provi prodotti jirrizulta inkontestat li fl-Audit Trail li kienet qed issir fil-konfront tar-Rikorrent il-Kummissarju kkonsidra x-xiri pretiz mir-Rikorrent fil-Purchases Ledgers minnu stess sottomessi lill-Kummissarju/rapprezentant tieghu ghall-konsiderazzjoni waqt l-Audit Trail, liema xiri però ma giex accettat u rikonoxxut ghall-finijiet ta' kreditu ghal Input Tax ghaliex ir-Rikorrent naqas milli jissottometti t-*tax invoices* relattivi, nonostante diversi interpellazzjonijiet biex tali dokumentazzjoni tigi effettivament sottomessa.

Ghalkemm fix-xhieda li ta waqt is-seduta tat-8 ta' April 2013[19], Joseph Sammut *qua* rapprezentant tar-Rikorrent iddikjara li da parte tal-Kummissarju qatt ma intalbu *tax invoices* ghall-fini ta' verifika tax-xiri reklamat mill-istess Rikorrent, mix-xhieda ta' Angela Muscat moghtija waqt is-seduta ta' 14 ta' Marzu 2014[20], tirrizulta sitwazzjoni ferm differenti. Angela Muscat xehdet illi *dan il-kaz kien Audit Trail, tlabna s-sales ledger. Fil-fatt mhux is-sales ledger gew imma l-fiscal receipts u bnejt is-sales ledger jien. Issa inti* (u hawn qed tirreferi ghal Joseph Sammut, rapprezentant tar-Rikorrent, li kien qed jaghmel il-kontro-ezami taghha) *bara minn hekk kont tlabt ukoll il-purchases. … Ahna is-sales kellna bzonn u inti tlabt biex naghmlu l-purchases ukoll. Jidher li meta bghattilna s-sales, bghattilna l-purchases ukoll maghhom ghax hawn miktub hawn li hawn il-purchases ledgers. … ahna principalment tlabna ghas-sales u fil-fatt qas gew is-sales ledgers imma bghattilna l-fiscal receipts u dahhalniehom f'sales ledgers. Issa magghhom inti bghattilna wkoll il-purchases ledgers. … mhux bilfors li kien hemm talba ghall-correction ghaliex dan gab il-purchases ledgers mas-sales. Tinsiex li l-ewwel ahna tlabna s-sales u kwazi ma kienux jitneressawna l-purchases ghax ahna audit trail ta' tax invoice u bghattulna l-purchases ledgers. Konna ha ndahhluhom ukoll imma biex indahluhom tridu tibghatulna l-invoices.* Mistosqija *inti tlabt ghal dawn l-invoices?* Angela Muscat wiegbet *ghandi email "Mr. Sammut second reminder. Please produce purchases tax invoices for tax period 01/01/2008 to 31/03/2008, 01/04/2008 to 31/03/2009". Imbaghad kellna t-third reminder: "Please produce purchases tax invoices for tax periods …" u hemm l-istess tax periods. Id-dati ta' l-emails huma 23rd November 2010, it-tieni wahda tas-second reminder 29th November 2010 u t-tielet wahda 17th December 2010 u kull darba tlabna l-purchases tax invoices.*

Joseph Sammut ittenta jirribatti dak affermat minn Angela Muscat bl-osservazzjoni li l-e-mail address fuq liema baghtet tali rikjesti ghat-*tax invoices* ghall-finijiet tax-xiri, ossia l-e-mail address joesammut@nextgen.net.mt, ma kienx l-e-mail korrett tieghu u allura qatt ma seta' rcevihom, izda irrizulta li huwa kien effettivament irrisponda ghal wahda minn dawn l-e-mails fejn gharraf lil Angela Muscat *I shall see to this. Best regards, Joe"*, u finalment kien kostrett jikkoncedi li *fuq il-kwistjoni ta' l-e-mails jidher li wahda minnhom ircevejtha zgur allura nirtira dik il-parti ta' l-emails.*

Jirrizulta ghalhekk illi minkejja tali interpellazzjonijiet ghas-sottomissjoni tat-*tax invoices* relattivi ghax-xiri, tali *tax invoices* baqghu qatt ma gew sottomessi lill-Kummissarju tat-Taxxi u konsegwentement il-Kummissarju gustament ma setghax jakkorda ebda kreditu ghall-Input Tax pretiz mir-Rikorrent u dana billi a tenur ta' l-Artikolu 2 ta' l-Ghaxar Skeda tal-Kap.406 tal-Ligijiet ta' Malta *(1) Ma ghandu jitqies ebda ammont bhala input tax ta'*

[19] Fol. 31 u 32 tal-process.
[20] Fol. 53 sa' 60 tal-process.

*persuna kemm-il darba dik il-persuna ma ggibx prova li dik it-taxxa kellha tithallas fuq il-provvisti ta' oggetti u servizzi jew akkwisti intra-Komunitarji jew fuq importazzjonijiet ta' oggetti li jkunu gew jew ser jigu wzati minnha fil-kors ta' l-avvanz ta' l-attività ekonomika taghha. (2) Hlief hekk kif il-Kummissarju jista' mod iehor jippermetti, ebda ammont ma ghandu jitqies bhala input tax ta' persuna kemm-il darba: (a) ma jkunx appoggat bi: (i) fattura ta' taxxa dwar it-taxxa li ghandha x'taqsam ma' l-oggetti jew servizzi provduti lilu; jew (ii) fattura ta' taxxa dwar it-taxxa li ghandha x'taqsam ma' l-oggetti miksuba minnu taht akkwist intra-Komuniktarju; jew (iii) dokument ta' importazzjoni li jkun jindika lilha bhala importatur dwar it-taxxa fuq importazzjoni; u (b) dwar kull taxxa fuq xi provvista li skond dan l-Att ghandha tithallas minn dik il-persuna jew fuq akkwist intra-Komunitarju, tkun nizlet dik it-taxxa bhala dovuta lilha fuq id-denunzja tat-taxxa taghha; u (c) id-dokument riferit fil-paragrafu (a) jkun mizmum minn dik il-persuna u jinghata, fuq talba, lill-Kummissarju; u (d) l-ammont tat-taxxa jkun inghata kont tieghu kif imiss fid-dokumentazzjoni mizmuma minn dik il-persuna sal-limitu mehtieg ghall-ghanijiet ta' l-Att.*

Stabbilit ghalhekk li indipendentement mill-ittra datata 25 ta' Ottubru 2010, mhux qed tigi kontestata l-Out Put Tax likwidata mill-Kummissarju tat-Taxxi ghall-perijodi ta' taxxa 01.01.08-31.03.08 u 01.04.08-31.03.09 u l-Kummissarju gustament ma accettax ix-xiri reklamat mir-Rikorrent ghall-istess perijodi ta' taxxa u ma ikkoncedilux kreditu ghal Input Tax, it-Tribunal josserva li l-fatt jekk l-ittra, *qua* ittra ta' korrezzjoni, datata 25 ta' Ottubru 2010 gietx sottomessa lill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud f'dik id-data, ossia qabel il-hrug ta' stimi provizorji fil-konfront tar-Rikorrent, jew inkella gietx sottomessa wara, possibilment anke waqt il-mori ta' dawn il-proceduri, jista' se mai jimpingi fuq il-multi amministrattivi imposti fuq ir-Rikorrent u dan fid-dawl ta' dak provdut fl-Artikolu 37(2) tal-Kap. 406 tal-Ligijiet ta' Malta: *meta persuna taghmel korrezzjoni ta' dikjarazzjoni bin-nieqes jew dikjarazzjoni biz-zejjed kif hemm imsemmi fis-subartikolu (1) skond id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 28(1) qabel ma tkun giet notifikata bi stima provizorja ghal dak iz-zmien, dik il-persuna tkun suggetta ghal penali amminsitrattiva f'ammont ekwivalenti ghal ghaxra fil-mija* (u mhux 20% kif invece kkontemplat fis-subartikolu (1) ta' l-imsemmi Artikolu tal-Ligi) *mit-total ta' – (a) l-eccess, jekk ikun hemm, ta' l-ammont korrett ta' output tax fuq l-ammont ta' output tax kif dikjarat fid-denunzja; u (b) l-eccess, jekk ikun hemm, tat-tnaqqis kif dikjarat fid-denunzja fuq l-ammont korrett tat-tnaqqis.*

It-Tribunal haseb fit-tul dwar il-kwistjoni ta' l-ittra datata 25 ta' Ottubru 2010 u dwar jekk u meta din setghet giet sottomessa lill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, u huwa wasal ghall-konkluzzjoni li in verità tali ittra ma gietx sottomessa lill-Kummissarju tat-Taxxi fil-25 ta' Ottubru 2010 kif allegat minn Joseph Sammut. Apparte l-kwistjonijiet kollha sollevati minn Shirley Ciantar, Angela Muscat u Chris Spiteri dwar l-anomaliji f'tali ittra, ossia li kienet *loose* fil-file, li ma kenitx irregistrata mar-Registry tad-Dipartiment u lanqas kienet

numerata, it-Tribunal isibha ferm difficili jemmen li fl-istadju ta' verifika u tar-Review id-Dipartiment kellu f'idejh il-Purchases Ledgers, ossia listings kif isejhilhom Joseph Sammut, u dawn gew debitament inseriti fil-file tad-Dipartiment izda imbaghad fl-istess zmien ma kellux fil-pussess tieghu u debitament inserita fil-file l-allegata ittra ta' korrezzjoni meta, skond Joseph Sammut, l-ittra u l-Purchases Ledgers inghataw lill-Kummissarju flimkien. L-ezistenza ta' wiehed minghajr pero l-ezistenza ta' l-ohra ma tistax ghajr twassal ghall-konkluzzjoni li fil-25 ta' Ottubru 2010 ma giet sottomessa l-ebda ittra ta' korrezzjoni da parte tat-*taxpayer* u/jew rapprezentant tieghu. Fid-dawl ta' dan ghalhekk jirrizulta li l-provvediment ta' l-Artikolu 37(2) tal-Kap.406 tal-Ligijiet ta' Malta ma japplikax ghall-kaz in ezami.

Fid-dawl ta' dan kollu osservat it-Tribunal iqis li l-appell tar-Rikorrent mill-istimi mahruga fil-konfront tieghu mill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud ghall-perijodi ta' taxxa 01.01.08-31.03.08 u 01.04.08-31.03.09 ma huwiex gustifikat u b'hekk ma jisthoqqx li jigi milqugh.

Ghal dawn ir-ragunijiet it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jichad l-appell tar-Rikorrent mill-istimi mahruga fil-konfront tieghu mill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud ghall-perijodi ta' taxxa 01.01.08-31.03.08 u 01.04.08-31.03.09 u minflok jikkonferma l-istess imsemmija stimi.

L-ispejjez ta' dawn il-proceduri ghandhom jigu sopportati interament mir-Rikorrent.

A tenur ta' l-Artikolu 2(4) tad-Disa' Skeda tal-Kap.406 tal-Ligijiet ta' Malta, it-Tribunal jordna li kopja ta' din is-sentenza tigi notifikata lir-Rikorrent.

**MAGISTRAT**

**DEPUTAT REGISTRATUR**